



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

15.4.2014

B7-0431/2014

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-persjoni Russa fuq il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u, b'mod partikolari, id-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina (2014/2699(RSP))

Helmut Scholz, Marisa Matias, Patrick Le Hyaric, Jiří Maštálka, Věra Flasarová
f'isem il-Grupp GUE/NGL

RE\1027408MT.doc

PE534.908v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-pessjoni Russa fuq il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u, b'mod partikolari, id-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina (2014/2699(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-rivalità ġeopolitika li reġgħet qamet reċentement bejn ir-Russja u l-UE, l-Istati Uniti tal-Amerika u n-NATO, poġġiet lill-pajjiżi tal-viċinat tal-Lvant tal-UE f'sitwazzjoni diffiċli ta' għażla bejn grupp u ieħor; billi ma nstabilix soluzzjoni għall-konflitti ffriżati fir-reġjun minħabba din ir-rivalità ġeopolitika;
- B. billi minkejja n-negozjati li ilhom għaddejjin sena sħiħa dwar ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni f'fora Ewropej u internazzjonali differenti, il-Federazzjoni Russa, l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Uniti ma mexxilhomx jegħlbu d-differenzi dwar problemi internazzjonali u dwar perspettivi politiċi u ekonomiċi kif ukoll dwar id-demokrazija u kwistjonijiet politiċi, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem; billi bħala riżultat ta' dawn il-politiki li fallaw iċ-ċittadini tal-UE, il-Federazzjoni Russa, il-pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar u l-Istati Uniti jinsabu issa involuti f'tensjoni politika u militari perikoluża u li qed tiżdied bejn ir-Russja u l-UE, in-NATO u l-Istati Uniti;
- C. billi rispett sħiħ tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' strumenti oħra tad-dritt internazzjonali minn kull naħa flimkien ma' djalogu huma l-uniku mod li bih jistgħu jissolvew problemi serji fir-relazzjonijiet bejn ir-Russja, il-pajjiżi ġirien, l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Uniti;
- D. billi l-bidliet politiċi wara t-22 ta' Frar 2014 f'Kyiv ma wasslux għal bidla fil-politika; billi t-talbiet soċjo-ekonomiċi tal-moviment Maidan ġie sostitwit minn aġenda neoliberali tal-gvern il-ġdid; billi l-programm uffiċjali ta' azzjoni tal-gvern ippreżentat lill-parlament jiddikjara l-ħtieġa ta' "deċiżjonijiet mhux popolari" fuq prezzijiet u tariffi u li lest li jaċċetta kwalunkwe kundizzjoni għal self mill-Fond Monetarju Internazzjonali, inkluż tnaqqis ta' sussidji vitali tal-enerġija, tnaqqis ta' impjegi pubbliċi, tnaqqis fil-pensjonijiet tas-settur pubbliku u tnaqqis kbir fis-sigurtà soċjali;
- E. billi r-relazzjonijiet bejn l-istat u s-soċjetà huma ferm dgħajfa; billi f'dawn l-aħħar 20 sena seħħ diversi ċaqliq ta' impjegati bejn in-negozji u l-politika fl-Ukraina; billi n-negozjanti taż-żejt u tal-gas saru ministri jew kapijiet ta' istituzzjonijiet ewlenin tal-Ukraina; billi din is-sistema politika hi waħda mir-raġunijiet ewlenin għall-kriżi politika attwali fl-Ukraina; billi l-istituzzjonijiet ewlenin u demokratiċi tal-istat - il-parlament, il-ġudikatura u l-fergħa eżekuttiva tal-gvern - ma humiex qed jissodisfaw il-funzjonijiet bażiċi bħala rappreżentanza, difiża u gvern xierqa tal-interessi tas-soċjetà tal-Ukraina;
- F. billi l-protesti fil-Maidan bdew bħala dimostrazzjonijiet favur l-UE imma l-attenzjoni tagħhom aktar tard daret lejn kwistjonijiet aktar demokratiċi - il-korruzzjoni, il-kriżi

ekonomika, in-nuqqas ta' fiduċja fil-politika u d-diżillużjoni mas-sistema politika tal-Ukraina; billi min-naħa l-oħra l-oligarki tal-Ukraina, li opponew il-politika tal-President Yanukovitch, użaw dawn il-protesti għall-interessi tagħhom; billi l-oligarki tal-Ukraina ħolqu, ipposedew u ffinanzjaw il-midja u l-NGOs, inkluż Hromadske.tv, il-kanal 5 televiżiv u ċ-Ċentru tal-NGO UA, imwaqqaf minn Oleh Rybachuk u li influenza sew l-iżviluppi fil-Maidan; billi atturi barranin, negozjanti sinjuruni Amerikani – bħal Soros u Omidyar – u fundazzjonijiet barranin, bħan-'National Endowment for Democracy', iffinanzjaw il-protesti; billi waslu wkoll donazzjonijiet barranin minn atturi Statali inkluż l-ambaxxata Olandiża; billi dawn il-fatti urew li l-protesti fil-Maidan ma kenux biss espressjoni tal-protesti taċ-ċittadini kontra l-politiki tal-istat u s-sitwazzjoni fil-pajjiż;

- G. billi l-livell ta' rappreżentanza ta' partiti nazzjonalisti u ksenofobi estremi tal-lemin fil-gvern il-ġdid tal-Ukraina hu ferm preokkupanti; billi l-partit ksenofoba Svoboda jikkontrolla l-postijiet ta' deputat prim ministru, tal-ministri tad-difiża, tal-ekoloġija u l-agrikoltura, u tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku u jmexxi l-kunsill ta' sigurtà u difiża nazzjonali;
- H. billi l-gvern il-ġdid naqas milli jinvestiga l-avvenimenti traġiċi fil-Maidan b'mod trasparenti; billi għadu mhux ċar min kienu dawk li kkawżaw l-imwiet fil-Maidan;
- I. billi l-kunsill tas-sigurtà l-ġdid iddeċieda li jniedi "operazzjoni fuq skala kbira kontra t-terroristi" kontra d-dimostranti fil-partijiet tal-lvant tal-Ukraina; billi l-protesti huma deskritti bħala 'aggressjoni Russa' kontra l-Ukraina; billi r-reazzjoni tal-gvern il-ġdid dwar il-protesti tfakkar fir-reazzjoni tal-gvern preċedenti kontra l-protesti fil-Maidan;
- J. billi l-gvern il-ġdid qed tonqos milli jikkontrolla l-gruppi paramilitari estremisti tal-lemin; billi, b'mod partikolari u b'mod aktar frekwenti membri tal-Verkhovna Rada u membri ta' istituzzjonijiet demokratiċi oħra li huma membri tal-Partit Komunista tal-Ukraina huma vittmi ta' attacchi tal-lemin li permezz tagħhom jinsabu rikattati, intimidati, bil-proprjetà tagħhom maħtufa jew meqruda; billi l-uffiċċju ċentrali tal-Partit Komunista tal-Ukraina fi Kyiv, li hu mmexxi mill-Partit Komunista, kif ukoll il-proprjetà u oġġetti personali ta' impjegati li ħadmu fil-bini kienu konfiskati u l-bini ġie maħruq; billi ħafna uffiċċji tal-Partit Komunista fir-reġjuni kollha tal-Ukraina sfaw attackati u meqruda; billi anke fid-dibattiti politiċi tal-parlament kien hemm attacki vjolenti kontra l-oppożizzjoni;
- K. billi l-Ukraina kienet wieħed mill-kampijiet tal-battalja tat-Tieni Gwerra Dinjija u miljuni ta' persuni Ukraini spiċċaw vittmi ta' din il-gwerra; billi gruppi nazzjonalisti qerdu mijiet ta' monumenti li jfakkru dan il-kapitlu traġiku tal-istorja tal-Ukraina;
- L. billi l-faqar mifrux jibqa' wieħed mill-problemi soċjo-ekonomiċi gravi fl-Ukraina; billi skont rapport reċenti tan-NU r-rata ta' faqar fl-Ukraina issa tinsab qrib il-25 %, bi 11-il miljun persuna għandhom introjtu aktar baxx mill-istandards soċjali lokali;
- M. billi l-kriżi politika u ekonomika li għaddejja, skont stimi mill-Bank Dinji, twassal għal tnaqqis ta' 3 % fil-PDG reali, immexxija minn tnaqqis fil-konsum u fl-investment f'iss u mill-inflazzjoni; billi din il-kriżi qed taffettwa ħażin ferm lill-aktar partijiet vulnerabbli tas-soċjetà tal-Ukraina; billi d-deċizzjonijiet reċenti tal-gvern il-ġdid dwar l-enerġija, l-

impjieġ pubbliku u s-sigurtà soċjali se jkomplu jaggravaw is-sitwazzjoni u jistgħu jwasslu għal piż finanzjarju addizzjonali fuq iċ-ċittadini li jirrapreżenta madwar 10 % tal-introjt medju;

- N. billi l-Ukraina hi pajjiż ferm ċentralizzat; billi skont rapport reċenti tal-OECD id-differenzi bejn ir-reġjuni huma sinifikanti abbażi ta' standards tal-OECD u qed ikomplu jikbru; billi l-idieġ ta' żvilupp tal-bniedem mar għall-aġġar f'ħafna reġjuni tal-Ukraina matul il-perjodu 2000-2010, u huma biss 12 % tal-popolazzjoni li għexu f'reġjuni fejn dan tjejb; billi gvernijiet subnazzjonali għandhom tendenza li jserħu ħafna fuq trasferimenti ċentrali, b'allokazzjonijiet li huma kemm imprevedibbli kif ukoll ftit li xejn trasparenti; billi hemm evidenza ta' differenzi kbar fl-aċċess għal servizzi bażiċi, speċjalment l-edukazzjoni; billi l-korruzzjoni gravi fil-livelli kollha għandha l-għeruq tagħha f'din is-sistema ta' distribuzzjoni ċentrali u ta' dipendenza fuq l-awtoritajiet ta' Kyiv; billi l-gvern il-ġdid qatt ma esprima xi intenzjoni li jbidel din is-sitwazzjoni;
- O. billi, matul dawn l-aħħar għoxrin sena, is-soċjetà tal-Ukraina rrispettat id-diversità etnika u lingwistika, imma l-kriżi politika, ekonomika u soċjali attwali fl-Ukraina wasslet għal proċess perikoluż li ħoloq diviżjoni etnika u lingwistika fil-pajjiż; billi kemm ir-Russja u kemm l-UE qed jinkoraġġixxu din id-diviżjoni billi jappoġġaw partijiet differenti tas-soċjetà tal-Ukraina;
- P. billi r-Russja wettqet diversi provi militari f'dawn l-aħħar xhur qrib il-fruntiera tal-Ukraina, inkluż fit-Transnistria; billi attwalment hemm evidenza ta' konċentrazzjoni ta' truppi Russi matul il-fruntiera mal-Ukraina;
- Q. billi d-dottrina militari Russa, li tiddikjara li l-Federazzjoni Russa tqis bħala leġittimu li tuża l-Forzi Armati u truppi oħra sabiex ... tiżgura l-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha li jinsabu lil hinn mill-fruntieri tal-Federazzjoni Russa bi qbil mal-prinċipji u r-regoli rikonoxxuti b'mod ġenerali tad-dritt internazzjonali u tat-trattati internazzjonali tal-Federazzjoni Russa¹, hi ta' tħassib kbir għall-pajjiżi ġirien;
- R. billi n-NATO taġixxi skont il-loġika tal-konfrontazzjoni militari mar-Russja u qed tuża s-sitwazzjoni attwali, li qed tikser il-ftehimiet internazzjonali eżistenti, biex issaħħaħ il-preżenza tagħha fil-viċinat immedjat tar-Russja; billi qed jitwettqu titjiriet ta' sorveljanza bis-sistema ta' twissija u ta' kontrol tal-ajru (AWACS) fuq il-Polonja u r-Rumanija u l-għadd ta' ajruplani tal-ġlied allokat lill-missjoni ta' pulizija tan-NATO fuq l-istati Baltiċi irduppjaw; billi n-NATO issospendiet il-kooperazzjoni mar-Russja;
- S. billi bħala riżultat tal-politiki tal-FMI u tal-UE il-prezzijiet tal-gas għall-konsumaturi domestiċi se jogħla sa 50 % fl-1 ta' Mejju 2014 u aktar żidiet huma skedati sal-2018; billi l-prezzijiet tal-gas għal kumpaniji tat-tiħin distrettwali wkoll se jogħla b'40 % mill-1 ta' Lulju 2014; billi minflok negozjati biex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi eżistenti bl-implimentazzjoni ta' ftehimiet bejn ir-Russja u l-Ukraina, iż-żewġ naħat qed jeskalaw il-kwistjoni tal-gas, b'hekk iżidu l-biża' u l-emozzjonijiet tal-popolazzjoni tal-Ukraina;

¹ http://carnegieendowment.org/files/2010russia_military_doctrine.pdf

- T. billi l-President interim tal-Ukraina ffirmja l-parti politika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-UE mingħajr konsultazzjoni minn qabel mal-poplu tal-Ukraina;
- U. billi l-Kummissjoni qablet dwar għadd ta' miżuri konkreti għal assistenza fuq terminu qasir u medju lill-Ukraina, pereżempju pakkett ta' appoġġ li jiswa tal-inqas EUR 11-il biljun mifrux fuq ftit snin u grupp ta' appoġġ li se jidentifika u jikkoordina l-assistenza teknika biex tkun stabbilizzata s-sitwazzjoni finanzjarja, ekonomika u politika fraġli fl-Ukraina, biex jippjana u jimplementa riformi li jirrapreżentaw il-kundizzjonijiet tal-assistenza finanzjarja;
- V. billi l-Istati Uniti, in-NATO u l-UE rreaġixxew billi ssospendew diversi laqgħat u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni differenti u introduċew sanzjonijiet; billi l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa adottat riżoluzzjoni biex tirtira d-drittijiet tal-vot tad-delegazzjoni ta' 18-il membru tar-Russja sa tmiem l-2014, ittemm id-dritt tar-Russja li tipparteċipa f'missjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjoni u teskludi d-delegazzjoni Russa mill-kumitati l-aktar prestiġjużi tagħha;
1. Jesprimi tħassib serju dwar il-konfrontazzjoni politika u militari bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, l-Istati Uniti u r-Russja; iwissi li l-falliment li jibeda djalogu orjentat lejn ir-riżultati jista' jkollu konsegwenzi perikolużi għall-paċi u s-sigurtà fl-Ewropa u fid-dinja;
 2. Jitlob lir-Russja u lin-NATO biex immedjatament iwaqqfu l-ispirall ta' eskalazzjoni militari u jnaqqsu l-preżenza militari fir-reġjun;
 3. Jesprimi tħassib serju għat-tnedija tal-hekk imsejħa 'operazzjoni kontra t-terroristi' fil-konfront tad-dimostranti fil-partijiet tal-lvant tal-Ukraina; jiddeplora bil-qawwa t-telf tal-ħajja bħala riżultat tal-vjolenza f'Luhansk; jenfasizza li l-unità u l-integrità territorjali tal-pajjiż ma jistgħux ikunu assigurati bil-forza, imma biss b'azzjonijiet konkreti li jissodisfaw it-tħassib taċ-ċittadini; jieħu nota tal-fatt li tħabbar li se jinżamm referendum dwar l-għamla futura tal-Ukraina flimkien mal-elezzjonijiet presidenzjali tal-25 ta' Mejju 2014, imma hu tal-fehma li l-iskadenza taż-żmien hi qasira, minħabba li kwistjoni bħal din teħtieġ dibattitu pubbliku komprensiv u profond;
 4. Jesprimi tħassib serju dwar il-qerda tal-fora tad-djalogu mar-Russja; jenfasizza l-fatt li l-uniku mod biex jingħelbu l-kriżi u d-differenzi attwali huwa permezz tad-djalogu u tan-negozjati; jistieden lill-partijiet kollha jżommu mal-ftehim mil-huq biex jinbdew in-negozjati;
 5. Jisħaq fuq il-fatt li l-kriżi politika serja li għaddejja attwalment fl-Ukraina ma tistax tiġi solvuta permezz ta' indħil ta' setgħat barranin, b'mezzi militari jew bid-deċizzjonijiet tal-awtoritajiet jew l-istituzzjonijiet nazzjonali, imma teħtieġ dibattitu nazzjonali profond dwar il-futur tal-pajjiż; jenfasizza l-fatt li soluzzjonijiet sostenibbli jistgħu jinsabu biss mill-poplu tal-Ukraina stess, li għandu jiddeċiedi, mingħajr ebda indħil barrani, dwar ir-riformi neċessarji fl-oqsma tal-politika u tal-ekonomija, inkluż dwar riforma tal-istrutturi tal-istat u dawk kostituzzjonali, dwar l-orjentament ġeopolitiku tal-pajjiż u dwar liema ftehim u komunitajiet internazzjonali għandha tissieħeb magħhom l-Ukraina;

6. Jistieden lill-politiċi tal-Ukraina u lill-gvernijiet tal-Federazzjoni Russa, lill-UE u lill-Istati Uniti jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' patt soċjali ġdid bejn il-partijiet differenti tal-pajjiż li jirrikonossu d-diversità tal-Ukraina bħala element pożittiv kemm hu possibbli tal-identità tal-Ukraina, biex iżommu 'l bogħod milli jinkoraġġixxu d-differenzi u biex jaħdmu għall-integrità territorjali u għas-sovranià tal-pajjiż;
7. Itenni l-appoġġ qawwi tiegħu favur l-integrità territorjali, l-unità u s-sovranià tal-Ukraina; jenfasizza li l-popolu tal-Ukraina jikkondividi l-istess fehma dwar il-problemi l-aktar importanti tal-Ukraina; il-korruzzjoni, il-kriżi ekonomika, in-nuqqas ta' fiduċja fil-politika u d-diżillużjoni dwar is-sistema politika; jesprimi tħassib li r-riżoluzzjoni ta' dawn il-problemi ma tinsabx fuq l-aġenda tal-gvern jew tal-parlament; jinnota bi tħassib li l-atturi internazzjonali qegħdin ukoll jitraskuraw dawn il-problemi u mhumiex qed jikkundizzjonaw l-assistenza tagħhom għar-riżoluzzjoni ta' dawn il-problemi, li qed iwasslu għall-protesti;
8. Jesprimi tħassib serju dwar ir-rwol politiku tal-forzi nazzjonalisti tal-lemin estrem u ta' forzi ksenofobi fil-politika tal-Ukraina; jikkundanna l-attakki kontra r-rappreżentanti tal-Partit Komunista fil-Verkhovna Rada u kontra istituzzjonijiet demokratiċi oħra, u l-qerda tal-monumenti tat-Tieni Gwerra Dinjija; jikkritika bil-qawwa l-fatt li l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri qed jitraskuraw il-fatt li l-atturi ewlenin fix-xena tat-tmexxija politika attwali qed jirrapreżentaw ideoloġiji nazzjonali, ksenofobi u neofaxxisti li jikkontradixxu l-valuri bażiċi tal-UE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
9. Jesprimi tħassib serju dwar it-tixrid ta' armi u munizzjon fil-pajjiż u n-nuqqas tal-awtoritajiet li jiżguraw is-sigurtà taċ-ċittadini u l-istat tad-dritt; jistieden lill-awtoritajiet tal-Ukraina jiżguraw l-għoti tal-armi u tal-munizzjon illegali kollu lill-Ministeru tal-Affarjiet Interni u ż-żarmar tal-formazzjonijiet paramilitari kollha;
10. Jesprimi tħassib serju għall-konsegwenzi tal-politiki li ġew deċiżi mill-gvern il-ġdid wara l-kundizzjonijiet li ġew stabbiliti mill-FMI u mill-UE; jiddennunzja l-fatt li huma l-popli tal-Ukraina li jridu jħallsu għall politika li falliet tal-gvernijiet preċedenti, minflok ma jiġu ntaxxati l-oligarki tal-Ukraina;
11. Jesprimi tħassib serju dwar il-politika instabbli tas-sigurtà tal-enerġija tal-Ukraina u l-konsegwenzi tagħha għaċ-ċittadini; jistieden lir-Russja u lill-Ukraina jikkooperaw bil-għan li jiżguraw li l-prezzijiet tal-enerġija jistgħu jintlaħqu minn kulħadd u li jżommu 'l bogħod milli jużaw l-enerġija bħala għodda politika;
12. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-president interim tal-Ukraina ffirmat l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-UE; hu tal-fehma li kwistjonijiet li għandhom impatt serju fuq l-iżvilupp futur ta' pajjiż għandhom ikunu suġġetti għal referenda, għall-inqas qabel ikunu ratifikati; iqis li deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet daqstant importanti li jiddeterminaw id-direzzjoni ġeopolitika ta' pajjiż għandhom isiru abbażi ta' kunsens politiku kemm jista' jkun mifrux bejn il-forzi politiċi differenti fil-pajjiż u abbażi ta' konsultazzjoni estensiva mal-popolazzjoni;
13. Jieħu nota li approċċ ta' politika li tifred il-politika tal-Viċinat tal-Lvant mill-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja ma rnexxietx; jistieden lill-UE terġa' tfassal il-

politika tal-Viċinat tal-Lvant bil-għan li tiżviluppa kooperazzjoni reġjonali li ma teskludi l-ebda pajjiż u lanqas tkun diretta kontra xi pajjiż ieħor; jistieden lill-President Russu, lill-Gvern u lid-Duma biex jipparteċipaw b'mod proattiv f'dan il-proċess u biex juru r-rieda tagħhom li jsiru parti mill-politiki ta' viċinat tajjeb;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Parlament u l-Gvern tal-Ukraina u lill-Assemblej Parlamentari tal-Organizzazzjoni ta' Sigurtà u Kooperazzjoni Ewropea u lill-Kunsill tal-Ewropa.